# Għassa

Adrian Grima

Spiċċajna l-għassa, niftakar. Wara lejl nistennew wara l-bieb tal-kamra tas-sodda biex kif jibda t-theddid naqbżu għal ommi, ma kellix aptit nisma' l-pulizija jgħid li meta jispiċċa l-lejl kulħadd jistrieħ daqsxejn u jkun qisu ma ġara xejn. Ommi kienet qed titriegħed u tistħi u ma felħitx titkellem u oħti bdiet tispjega x'qal li kien se jagħmlilha bis-sikkina tal-ħobż, jiġifieri lil ommi, u kif kien se jniffidha u x'kien se joħroġ minn ġo fiha u minn fejn. Jien għedtlu lill-pulizija li mbagħad beda jhedded lil oħti wkoll, u għal ftit ma laqathiex; u li meta qabad isabbat fuq il-ħajt u fuq l-għamara u jidgħi b'Alla u bil-Madonna aħna tlaqna niġru 'l barra mill-*flat* u nżilna t-taraġ imwerwrin li jilħaqna u żgur li kulħadd semagħna u ġejna niġru l-għassa u ma stajniex immorru lura.

F'daqqa waħda l-pulizija jċedi. "Fejn toqogħdu, Sinjura?"

"Suppost tafuh bl-amment il-bieb tagħna," tgħidlu oħti.

"Jiġifieri ġieli rrapportajtu?" Tagħmillu sinjal b'rasha. "Kemm ilkom li rrapportajtu?"

"Fil-vaganzi tal-Milied," naqbeż jien. Il-vaganzi dejjem ifottihomli dak il-bagħal.

"U kif kontu bqajtu, Sinjura?" Jibqa' jkellem lil ommi, taparsi qed tkellmu hi. "L-istess. Intom tkellmuh, u jagħmel tabirruħu li kkalma, u mbagħad jagħmel xenata oħra meta mmorru lura d-dar. Għidlu, Ma."

"Intom tafu li aħna ma nistgħux nindaħlu bejn il-miżżewġin."

"Intom tibżgħu minnu," naqbeż jien.

"Meta jintilef ma jkunx jaf x'qed jagħmel," tgħidlu ommi fl-aħħar.

Il-pulizija jgħolli rasu u jħares lejn ommi. "Iridu ħafna paċenzja, Sinjura." Ommi qed tħares xi mkien fil-vojt, lejn il-bank tal-injam li hemm quddiemha.

"Aħna ma fadlilniex paċenzja," taqbeż oħti. U nibqa' nħares lejha għax kultant oħti toħroġ b'affarijiet li lanqas jien ma nkun qed nistenniehom. Il-pulizija qed jikteb fir-reġistru tas-soltu, qisu ma semagħhiex (jew forsi qed jikteb dak li qaltlu fil-ktieb); ommi wiċċ il-ħniena; jien qed naħseb fuq it-tweġiba t'oħti, u oħti rrabjata, tidher, ninduna jien: kieku m'hemmx ommi ħdejha tagħmel għalih.

"Tiftakar lil min kontu kellimtu meta ġejtu, Sinjura?" Għajnejh reġgħu fuq ir-reġistru.

"Wieħed minnkom," tgħidlu oħti. "Għadu żgħir." Ma tantx tgħidhielu sabiħ.

"Tgħidx kemm dam ikellmu," tgħidlu ommi. "Imma r-raġel tiegħi, jekk jintilef, jintilef."

"Hekk jagħmlu."

Meta kont iżgħar kont naħseb li l-pulizija ma jibżgħux mill-ħżiena.

"Ħa żżommuh magħkom?" nistaqsih.

"Fejn tridni nżommu? Għandna xorti għandna fejn noqogħdu aħna."

Kont naf li din id-darba kienet se tkun bħad-drabi l-oħra kollha. Imorru għalih, iġibuh l-għassa, ikellmuh, ikellimhom minn taħt l-ilsien, u mbagħad kollox jerġa' għalli kien. Sakemm fl-aħħar, xi darba, kien se jniffed lil ommi ta' veru, u mbagħad inkunu waħedna. Kompletament waħedna.

Il-pulizija għalaq ir-reġistru, ġabar il-berritta l-blu minn warajh bl-arma tal-fidda tleqq fuq quddiem, tefagħha fuq rasu ddispjaċuta, qisu għamilnielu xi ħaġa ħażina aħna, sejjaħ 'il sieħbu li ħareġ, għadu rieqed, minn ġo bieb ieħor, fetaħ l-antiporta żżaqżaq, daħal fl-iSkoda tal-pulizija li kien hemm quddiem il-bieb - l-ewwel wieħed, ta' lil hawn, u mbagħad l-ieħor - u telqu.

Ħadd ma qalilna x'nagħmlu. Ftaħna l-bieb l-ieħor, minn fejn ħareġ dak li kien rieqed, u dħalna. Oħti riedet issakkar il-bieb warajha, imma ċavetta ma kienx hemm. Intfajna fuq sufan tal-ġilda li faċċata tiegħu kellu televixin żgħir. Min jaf kemm-il film rajt fuq dawn l-affarijiet.

Ma domniex wisq nistennew. Meta ġew lura, il-pulizija li kien rieqed ġie jara fejn konna u mbagħad reġa' għalaq il-bieb. Minn fejn konna qegħdin aħna, mill-kamra l-oħra, smajniehom ikellmuh bil-kelma t-tajba - kulħadd bil-kelma t-tajba – u deher li kkalma. Aħna, sadattant, bqajna b'li ħadna.

Imbagħad smajna ż-żaqżiq tal-antiporta u konna nafu li ħareġ minn ġol-għassa. Fil-pront infetaħ il-bieb u dak li ħadilna r-rapport ħares lejn ommi, b'idu għadha fuq il-pum tal-bieb.

"Aħjar tmorru issa, sinjura, għax daqt jisbaħ. Kellimnieh." Oħti ma qalet xejn; jien weħilli lsieni. Xħin ħriġna rajnieh ilebbet fuq quddiem u aħna qisna rwieħ nirtogħdu fil-biża' tad-daqqiet, u l-arja hija x-xafra tal-ksieħ.

Id-dar, niftakar, ma qal xejn. Lanqas kelma mġiddma. Mhux għax marritlu l-arja. Sempliċiment ma qal xejn. Kien jgħajjat u jsawwat meta jrid; u jiskot meta jrid ukoll.

IX

Id-darba ta' wara ma kienx it-theddid li qajjimna, il-frakass, jew ommi tipprova ssikktu bil-kelma t-tajba (dejjem bil-*kelma t-tajba*, allajbierek, kulħadd bil-*kelma t-tajba*), jew tfendi li ma kienet għamlet xejn ħażin u kif kien inbidel u qatt ma kien għamlilha hekk qabel u toqgħodx tgħajjat għax se tqajjem it-tfal u sebaħ u dalam.

Qajmitna l-vuċi tiegħu kalma. "Itilqu 'l barra minn hawn. Ma rridx narakom aktar." Qalhielna tliet darbiet.

Oħti daħlet tiġri fil-kamra tagħna, fetħet il-gwardarobba, u tefgħet idha fuq il-gakketta tiegħi, dik li kont writt mingħandha.

"Tmissu xejn minn hawn ġew. Barra."

"Ħa tħoss il-bard," qaltlu oħti, minn taħt l-ilsien. Imma ma tax kasha. U hi kienet tibża' minn idejh ifferoċjati daqsna.

"Issa fejn se mmorru dal-ħin, Madonna?" qaltlu ommi.

"Ma rridx narakom aktar."

U tlaqna. Bil-papoċċ li lħaqna lbisna qabel rana.

Il-kalma l-iktar li ħasditni, għall-bidu. U mbagħad il-ksieħ tal-lejl vojt li sibna ruħna fih, qisna rwieħ. U t-telefonati mill-għassa; il-qraba li ma ried ikollhom x'jaqsmu xejn; il-biki ta' ommi tittallab; is-sagrifiċċju l-kbir ta' xi ħuha li kellem 'il xi kuġin li kellu xi kamra tal-imbarazz in-naħa l-oħra tal-Belt, bogħod minn fejn kienu trabbew l-aħwa u l-kuġini qabel ma telqet minn hemm; bogħod minn fejn marret tiffaċċja r-risq it-tajjeb u l-ħażin. "Għal dawk it-tfal imsieken. Imma lilu tgħidlu xejn. Ifhimni. Miegħu ssemminix. Tgħidlu xejn."

VIII

Dal-lejl il-mamà ma setgħetx torqod. Kemm ilha li waqfet mix-xogħol qed tkisser l-irqad u nofs il-ħin tagħmlu titqalleb, bħallikieku ġisimha mbenġel. Sodda ta' tnejn noqogħdu fiha tlieta u jien u oħtu nispiċċaw norqdu inqas

minnha. Imma l-aqwa li qiegħda magħna, li qegħdin kollha flimkien. Aħjar minn dik il-porkerija ta' post fejn jinsew li rabbejt it-tfal u għal snin twal erfajt kollox waħdek. Ma niflaħx naraha hemm ġew, qisha ruħ.

Fuq tal-linja x-xufier iqabbad il-magna, u kif jibda joqmos kollox nagħlaq għajnejja. Wara ftit, mat-tbandil ħelu tal-battikata tal-magna antika jasal l-iskoss żgħir, u nkun qed nistennieh, tal-*first* dieħel f'postu, u ftit warajh l-iskoss naqra ikbar ta' kabina tawwalija qed tinqata' minn ġol-venda. Kollox imbagħad idur naqra, inħossni kważi nitbandal, u ġismi jintelaq qisu skantat.

VII

F'tal-linja nistrieħ. Minn dejjem kont nistrieħ, anki meta kont għadni s-Sekondarja. Meta n-nies jaraw tifla bl-uniformi tal-iskola fuq tal-linja ma joqogħdux jistaqsu ħafna mistoqsijiet. Fil-venda tal-Belt jiltaqa' kulħadd, m'għandekx għalfejn tispjega kif spiċċajt tgħix fi Strada Merkanti l-Belt, u fejn kont tgħix qabel, u x'se jiġri, u għadkomx tkellmuh, u kif se jispiċċaw l-affarijiet. Hawnhekk kulħadd għandu l-istess storja sempliċi, kulħadd sejjer xi mkien, bil-ħobż fil-basket għal nofsinhar, b'seba' mitt sena għax tal-linja għadha ma telqitx jew għadha ma ġietx.

Imma l-iskola mod ieħor. Kulħadd jaf is-sigrieti tiegħek. Dawk il-ftit għalliema li jafu x'ġara dak il-lejl, jafu li jien m'għamilt xejn. U mingħandhom rajna għajnuna biss. Naħseb hemm minnhom min fehem l-affarijiet iktar milli fhimthom jien. Meta tkun qed tegħreq tibda tagħti bis-salt basta toħroġ minn dak il-ġbid u jkun hemm affarijiet li ma tagħti kashom xejn. Min ikun qed jarak minn fuq ix-xatt ikun qed jara kollox, qisu film, l-istorja kollha kif inhi, bid-dettalji.

VI

Għall-ewwel li ġejna noqogħdu hawn kont nobgħodha din il-belt. B'qalbi kollha. U naħseb għadni. Forsi daqskemm nobgħod lilu. Biex immur mit-toqba fejn noqogħdu sal-venda, kieku stajt, kont intir. Jew insir inviżibbli.

Il-qatla tiegħi kienet tkun il-ħobż ta' filgħodu. Għand tal-*grocer*, niftakar, meta kien ikun imissni jien, kont ninħasad, għax ma stajtx nifhem kif tal-ħanut seta' jara tifla inviżibbli. "Int x'ridt? Is-soltu?" Kont ninqata' minn ġewwa.

Kien jaħseb li kont imgerrxa, żgur. Meta kien iħares lejja, f'dak il-ħanut bil-kaxxi u l-bottijiet ħerġin minn kullimkien, bir-riħa tal-ħobż tal-ġunġlien u l-ġobnijiet u s-sapun tal-ħwejjeġ fil-fliexken u l-pakketti, kien jaqa' s-skiet. Qisu s-skiet tad-dnub. Dak iż-żmien ma kontx naħseb fuqu hekk dak is-skiet,

imma hekk kont nisimgħu, skiet tal-ħtija. U f'daqqa waħda kont inħares lejn it-tubu tad-dawl kulur is-silġ imdendel f'nofs il-ħanut, qisu t-tubi tal-isptar, u d-dawl kien jibda jweġġagħli għajnejja.

Kont noħroġ mingħand tal-*grocer* bl-uniformi, qisha bandiera tperper mill-bogħod, u b'ħobża tal-malti kbira u erba' panini, tnejn għalija u tnejn għal oħti. Tal-Malti għal-lejla, għal quddiem il-*black and white* u r-ross tat-televixin. Imbagħad kont nieħu gost ma nismax lili nnifsi miexja, il-pett taż-żarbun jingħafas bil-mod mal-art mingħajr ma jħalli marka: l-ewwel imiss fuq wara, imbagħad jimxi 'l quddiem u fit-tarf jerġa' jinqata' mill-art, qisu spirtu, qisu arja. Kont nieħu gost inżomm in-nifs inviżibbli biex ħadd ma jisimgħu dieħel u ħiereġ minn ġo fija, lanqas jiena.

Erba' panini u ħobża kbira tal-Malti: kont għedthielu qisha sigriet meta ħriġt fit-triq infittex minn fejn nixtri. Minn dakinhar ma nbidel xejn, la l-ħobż tal-Malti, la l-panini, la Strada Merkanti, u lanqas dak il-lejl ta' ksieħ li ġabna l-Belt, qalb ħafna għajnejn jifluna u jistaqsu fuqna.

Jien u sejra lura fil-kamra żgħira u qadima li tawna, qisha *pocket* tal-lapsijiet maħmuġ, niftakarni nisma' ċ-ċaqċiq tal-basket tal-plastik perpura, l-unika ħaġa li stajt tisma' f'dit-triq qabel ma jarma s-suq u jiftħu l-ħwienet. Kont nistħajjel li jien u għaddejja bih in-nies kienu jkunu jafu pass pass fejn jien. Għadni sal-lum ma nafx x'jafu fuqna, fuq dak il-lejl li ġabna hawn, bil-piġami li konna lebsin. Ma ħalliena nieħdu xejn magħna mid-dar, dak il-bagħal, ħlief il-mistħija ħamra nar taħraq ġo ħaddejna minkejja l-bard. X'jippretendi issa? Li se ninsa? Li kulħadd jiżbalja?

Kuljum kont naħlef li l-għada nieħu basket tad-drapp għand tal-*grocer*, għax fit-triq ma jinstemax, u kull filgħodu kont niftakar. Imma ħadd ma kien jieħu basket tad-drapp miegħu, u jien ma kellix kuraġġ.

V

Naf li tal-linja qed toqmos, qisha waħda minn dawk il-magni biex tneħħi x-xaħam. U naf li jien komda. U allura nitlaq rasi mal-ħġieġa ċċekċek ta' maġenbi. Hemm grupp ta' ġuvintur jiċċaċċraw, wieħed minnhom bilqiegħda ħdejja. Imma nitmejjel: qiegħda komda u din l-isbaħ nagħsa tal-ġurnata, 'il bogħod minn kollox, 'il bogħod mill-Belt. Narani tielgħa t-taraġ tal-*flat*. Ma niflaħx nitilgħu. Għandi kuxxtejja se jinfaqgħu. Rasi qed iddur fil-vojt, forsi minħabba t-taraġ, forsi minħabba leħnu li għadni ma nistax inneħħih minn ġo moħħi. U balla tagħfas fuq l-istonku, maqbuda bejn il-kustilji u l-istonku. Qed inħoss dahri se jegħlibni. Imma hemm

ommi warajja, u kultant inħoss idha soda żżommni, jew anki timbuttani 'l quddiem, u nagħmel sforz ieħor, minkejja l-muskoli ta' kuxxtejja se jinfaqgħu.

Il-kamra tal-imbarazz misruqa qalb it-taraġ niftakarha sew. Niftakar ir-riħa tat-trab tagħfas fuq il-balla taħt il-kustilji u s-sodda mirduma u jien għadni mirżuħa, minkejja l-kedda, għax ma ħalliena nieħdu xejn magħna dak il-bagħal. F'daqqa waħda d-dispramenet, għax ma nafx fejn se nserraħ dahri f'dak it-trab.

IV

Ma rridx nidħol ix-xogħol b'dawn il-ħsibijiet, u allura nqum żewġ *stages* qabel, qisni arloġġ, niddritta, u nfittex il-ġuvni ta' ħdejja. Ikkwitaw issa. Forsi għalhekk qomt f'salt.

III

"Nifqgħukom illejla."

"Issa tara."

"Nifqgħuhom, ħa ngħidlek. Kif għamilna sentejn ilu."

"Spiċċa dak iż-żmien."

"Ħamsa ntukom."

"Ittuna għaxra!"

"Jew sitta."

"U dik mhux darba kienet! Ħarġet waħda hekk."

"U llejla toħroġ oħra bħalha, ħa ngħidlek!"

"Jekk toħorġu b'dik l-arja niġru bikom. Dik ta' darba kienet."

"Għadna ma tlifniex darba f'darna."

"Mela llejla se tkun l-ewwel darba."

"U tgħid mhux hekk!"

"Issa tara."

"Issa naraw."

"Ħadd wara Ħadd, tasal ta' kulħadd!"

"Aħna kull sena nieħdu xi ħaġa."

"Imma din is-sena s-sena tagħna."

"Nitkellmu għada!"

Dal-ġuvni għandu leħnu sabiħ. Jien u nieżla mmiss miegħu. Imma ma nħarisx lejh. Leħnu jibqa' f'moħħi, qisu fwieħa. Forsi għada nerġa' ninzertah. Kif qatt ma nzertajtu qabel? Minn fejn tela'? Għada ma nongħosx. Mhux hu ġie ħdejja?

II

Ġurnata x-xogħol ma nafx kif tgħaddi. Ix-xogħol kollox jgħaddi malajr.

Fis-sebgħa u kwart naqbad tal-linja lura lejn il-Belt. Ix-xufier jinzerta l-istess wieħed ta' filgħodu u jaqbduni inqas dwejjaq mis-soltu għax kif jingrana tmur għajni bija u nagħmel vjaġġ sħiħ bla tbatija. Nista' nibqa' rieqda sal-aħħar.

Nistenbaħ xi darbtejn għax tal-linja timtela u ta' bilwieqfa jibdew jitbandlu fuq xulxin u fuqna li qegħdin bilqiegħda, imma qisni ma stenbaħt xejn. Il-venda mdewda bin-nies bħalissa. Nitfa' l-basket fuq spallti u ninżel. Imbagħad f'salt niftakar fil-ġuvni bil-vuċi sabiħa imma ma narah imkien. Ngħaddi minn taħt Bieb il-Belt u nitla' minn mat-Teatru l-imwaqqa' biex naqbad Strada Merkanti u nevita l-ħars.

Naqbad pass iktar mgħaġġel mis-soltu llum għax irqadt raqda tajba. Imma quddiem il-bejjiegħ tal-gazzetti fuq Kastilja nilmaħ raġel attaparsi qed iħares lejn il-ġurnali qodma ta' filgħodu. F'daqqa waħda għandi l-muskoli ta' kuxxtejja juġgħuni u hemm xi ħaġa maqbuda bejn il-kustilji u l-istonku. U għeja kbira, ma' ġismi kollu. Minn fejn nista' ngħaddi? Kieku nista' nisparixxi, bħal meta kont immur għand tal-*grocer* fi Strada Merkanti għall-bidu li ġejna noqogħdu hawn.

Ninżel minn mat-Teatru l-imwaqqa' u ndur għal ġo Strada Żakkarija. Imma nofs triq nieqaf għax qiegħda viċin wisq tiegħu – jekk jittawwal minn Strada Merkanti jarani għaddejja. Indur lura u ninżel iktar 'l isfel, lejn Triq ir-Repubblika, u nibqa' sejra sa Triq San Ġwann, ngħaddi minn quddiem il-Konkatidral u ndur għal ġo Strada Merkanti. Issa qiegħda viċin. Ftit metri u nsib il-bieb tal-*flats* tagħna. Qabel ma nidħol indawwar wiċċi naqra, bħal meta ħarist lejn il-ġuvni ta' ħdejja fuq tal-linja, u fil-bogħod, mingħajr ma nisforza wisq, narah iħares lejja. It-taraġ nitilgħu tnejn tnejn, kważi sa fuq nett, u kif nidħol fil-kamra tagħna nsakkar warajja. Illejla m'hemm ħadd id-dar. Qabel l-għaxra se nkun waħdi – ommi avżatni.

I

Ma nistax insib kwiet. Ma nistax naqra, jew niekol. Ma nistax nara t-televixin. Nibża' ninża' biex nidħol ninħasel. Għadni lanqas biddilt.

Kieku oħti x'tagħmel? Kieku oħti toħroġ barra fit-triq, tmur fuqu, u tarma tgħajjat f'wiċċu, u ma jgħidilhiex nofs ta' kelma. Quddiem in-nies ma jgħidilha xejn. Tavvilih quddiem kulħadd. Idawwar denbu malajr imma hi tibqa' tgħajjat warajh, qisha vulkan.

"Issa qed tiġri warajna? Ma tafx li mhux suppost tersaq lejna? Mela nsejt kif bgħattna 'l barra mid-dar bil-piġama? Insejt li ma ħallejtnix nieħu l-ġakketta

għal oħti? Ja bniedem tan-nejk! Issa qed iddur ma' sormna? Mela għandek bżonn xi ħaġa? Mela m'għandekx 'il min issawwat illejla?"

U mbagħad minn hemm tmur dritt l-għassa. U tagħmel rapport. "Dejjem trid tagħmel rapport." Hekk tgħidli. "Kull ħaġa għamel rapport. Ħalli jkollhom bil-miktub."

0

Nagħmel il-kuraġġ. Dit-toqba fejn ngħixu qed tisturdini. Niftaħ il-bieb bil-mod u nittawwal. Hemm l-indana mixgħula. Dak il-poxt ta' fuqna reġa' ħalla l-indana mixgħula. Imma d-dawl nieħu gost bih, nammetti.

Ninżel sa isfel nett, bil-mod, u ma ninzerta lil ħadd. Noħroġ barra fit-triq u niġbed lejn il-Konkatidral. Il-Belt billejl qisha ruħ, imma jekk ninzertah ma' wiċċi almenu hawn triq wiesgħa u xi ħadd, minn xi mkien, jinqala'.

Fi Triq ir-Repubblika niġbed lejn il-Qorti, u minn hemm ninżel it-triq tal-Embassy (kemm ili ma niġi nara film) u nidħol fl-għassa tal-pulizija. L-antiporta tqajjem il-lejl kollu biż-żaqżiq u minn bieb magħluq jitfaċċa pulizija għadu żgħir. Jiġbed il-bieb warajh, jersaq lejn il-bank, u jħares lejja. Mhix l-ewwel darba li rajtu.

"Xi nqala'?"

"Ma nqala' xejn speċjali." U nigdem ilsieni għax naf li bdejt ħażin. "Illum inzertajt 'il missieri fit-triq tagħna. Kont ġejja mix-xogħol u rajtu fi Strada Merkanti, naqra 'l bogħod minn fejn noqogħdu aħna."

"Hu qiegħed bl-ordni tal-Qorti?"

"Iva."

"X'jismek, ħi?

Nagħtih ismi u n-numru tal-ID.

"Inti ġieli rrapportajtu?"

"Iva, ġieli. Jew jien jew oħti."

"X'jismu?"

Nagħtih ismu.

"Imma inti ċerta li kien viċin?"

"Naħseb."

"Jiġifieri kien qed jikser l-ordni tal-Qorti?"

Inċaqlaq ftit rasi.

Sadattant mill-kamra l-oħra, bil-bieb magħluq tinstema' l-attività ta' logħba futbol fuq it-televixin u xi ħadd isabbat. Il-ġuvni jitlaq il-*biro* minn idejh, igedwed xi ħaġa bħal "ġej," jiftaħ il-bieb ta' warajh bil-ħeffa, u jidħol malajr.

UNIVERSITY OF MALTA - MAIN LIBRARY

Il-kummentatur tal-logħba qed jgħajjat u jitbaqbaq – tgħidli qalbi ġara xi ħaġa. Wara ftit titfaċċa mill-ġdid l-uniformi blu u l-ġuvni ta' quddiemi qed jitbissem.

"Ħalli f'idejna. Issa naraw aħna."

"Imma x'se tagħmlu? Għax jien ma rridx immur lura d-dar u naf li dak qiegħed wara l-bieb."

"Imma inti rajtu llejla?"

"Le, ma rajtux. Imma xħin kont ġejja mix-xogħol rani dieħla."

"Imma llejla ma rajtux."

"Forsi staħba."

"Forsi mar id-dar. U nzerta kien il-Belt kumbinazzjoni."

"Kumbinazzjoni bil-<u>mandat</u>? Ma da' ma jafx li ma jistax jersaq 'l hemm?"

"U mela dan se jagħmel sa dal-ħin il-Belt? X'joqgħod jagħmel il-Belt?"

"Hu jaf! Imma mhux suppost jersaq lejna."

"Inti ħa ngħidlek. Jekk terġa' tarah ċemplilna u niġi naraw naqra."

"M'għandniex telefown."

"Mowbajl m'għandekx?"

"Għandi."

"Mela ċemplilna bil-mowbajl." U jikteb xi ħaġa oħra fir-reġistru li sadattant kien baqa' miftuħ. "Imma mhux se jerġa' jitfaċċa, ta. Serraħ rasek. Għax jaf li niġu niġbruh."

Iktar frattarija fuq it-televixin fil-kamra ta' warajh. Għandu ġenn biex jeħles minni.

"Nibqgħu hekk, Miss?"

Għandi l-istess dwejjaq ta' dak il-lejl li spiċċajna l-Belt bla ħsieb. Niftaħ l-antiporta, noħroġ, u niġriha sad-dar. It-triq tal-Embassy. Triq ir-Repubblika. Triq San Ġwann. Il-Kon-katidral. Strada Merkanti. Nerġa' ma ninzerta lil ħadd. Nidħol fil-blokk tagħna, nitla' t-taraġ bla nifs, nieqaf fl-aħħar indana għax ma niflaħx iżjed, u nitla' l-aħħar tarġiet qisni qlajt xebgħa ħadida ma' ġismi kollu.

Niftaħ il-bieb tal-*flat* b'subgħajja jirtogħdu, nagħlaq il-bieb warajja, indawwar iċ-ċavetta u nħalliha fil-bieb, nixgħel id-dawl, nerħilha dritt lejn it-televixin, u nixegħlu. Hemm il-logħba għaddejja, u għall-ewwel darba f'għomri, nintefa' bilqiegħda fuq il-pultruna l-komda, nitfa' dirgħajja fuq dirgħajha, u nara l-futbol. Il-vuċi eċitata ħierġa minn ġos-sett timla l-kamra kollha.